MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 10/2001/1

**Kummissarju ta’ l-Art**
**vs**
**Carmel Agius**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta’ l-Art li jipprovdi:

Illi l-intimat gie notifikat b’Avviz ghall-Ftehim datat 29 ta’ Jannar, 2001 fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-limiti tal-Mosta tal-kejl ta’ madwar 785 metri kwadri u tmiss mit-Tramuntana ma’ propjeta’ ta’ Clive Simpson, mill-Grigal ma’ propjeta’ ta’ Carmelo Debono u min-Nofs-in-nhar ma’ propjeta’ tal-werrieta ta’ Carmelo Bonavita; huwa ta’ seba’ mitt Lira Maltin (Lm700) kif jidher mir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&C.E tal-24 t’ Ottubru, 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-20 ta' Frar, 2001 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' erbat' elef seba' mija u ghaxar Liri Maltin (Lm4,710.00) ikkalkolat a bazi ta' sitt liri Maltin (Lm6) il-metru kwadru.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u libera l-art fuq imsemmija jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok lil dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra  ir-risposta ta' l-intimat Carmel Agius:

Illi huwa gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim tad-29 ta' Jannar, 2001 fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta li thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-limiti tal-Mosta tal-kejl ta' madwar 785 metri kwadri u tmiss mit-tramuntana ma' propjeta' ta' Clive Simpson, mill-Grigal ma' propjeta' ta' Carmelo Debono u minn Nofsinhar ma' propjeta' tal-werrieta ta' Carmelo Bonavita , huwa ta' Lm700, liema ammont l-esponenti Carmel Agius iddikjara mhux accettabbli permezz ta' ittra ufficjali tal-20 ta' Frar, 2001 u billi l-valur fis-suq ghal art inkwistjoni ghandu jkun ta' erbat elef, seba' mija u ghaxar liri (Lm4,710) a bazi ta' Lm6 il-metru kwadru;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob li dan il-Bord jiffissa l-kumpens xieraq relattiv ghat-trasferiment b'xiri assolut tal-bicca art inkwistjoni fl-ammont ta' mhux anqas minn erbat'elef, seba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm4,710)

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-intimat xehed li huwa oggezzjona ghall-offerta tar-rikorrenti ghaliex skond stima maghmula mill-perit arkitett minnu inkarigat, l-art in kwistjoni kellha valur ta' Lm4,710.00 fid-data tal-esproprijazzjoni. Din l-istima kienet konfermata mill-istess perit arkitett quddiem dan il-Bord.

Illi l-membri teknici assenjati biex jassistu lil dan il-Bord l-Perit AIC Frederick H. Valentino u l-Perit AIC David Pace wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Minn kalkoli li ghamilna f'dan ir-rigward a bazi ta' l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' ghall-Skopijiet Pubblici Kap 88, jirrizultalna illi l-valur gust u ekwu ta' kumpens ghall-art esproprijanda plot XV limiti ta' Wied il-Ghasel, il-Mosta hija tas-somma ta' elf erba mija u tletin liri Maltin bhala art agrikola li ttiehdet ghal skopijiet stradali (Lm1430.00) libera u franka ekwivalenti ghall Euro 3,331.00
.
Stante d-decizzjoni unanima tal-membri teknici, l-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat sabiex jitrasferixxi bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut , l-bicca art fil-limiti tal-Mosta tal-kejl ta' madwar 785 metri kwadri u tmiss mit-Tramuntana ma' propjeta' ta' Clive Simpson, mill-Grigal ma' propjeta' ta' Carmelo Debono u min-Nofs-in-nhar ma' propjeta' tal-werrieta ta' Carmelo Bonavita u dan bil-kumpens ta' Euro tlett elef tlett mija wiehed u tletin euro (Euros 3,331.00) oltre l-imghax legali. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-1 t'April 2009 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun

mgharrfa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------